**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Nicky Pace, detentur tal-karta ta' l-identità numru 430280(M);**

Kumpilazzjoni Nru. 505/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nicky Pace talli:

Fid-29 ta' Marzu, 2015 għall-ħabta tas-18:30 u fil-ħin ta' wara f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Luigi Fenech, f'periklu ċar, ħebb għall-istess Luigi Fenech detentur tal-karta tal-identità bin-numru 92396M u kkaġunalhu offiċi gravi kif iċċertifikat minn Dr Clive Galea, Medical Registration number 3485MD u dan bi ksur tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen, kiser il-bon-rodni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba biex toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javviċna lil Luigi Fenech u r-residenza tiegħu kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

   Il-Qorti ġiet mitliba biex f'każ ta' ħtija, barra mili tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta ma’ Nicky Pace bħala reċediv ta’ sentenza imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenzi ma jistgħux jiġu mħassra ai termini tal-artikolki 49 u 50tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat illi fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta’ l-Kapitolu 9, Ligijiet ta’ Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-ewwel, it-tieni w it-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-istess akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva ma ngiebet l-ebda prova dwar dan. Anzi l-fedina penali esebita mill-ufficjal prosekutur li kien inkarigat mill-kaz qabel ma dawn il-proceduri bdew jitmexxew mill-prosekutur odjern, tikkontradixxi tali addebitu.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghall-Qorti, u c-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recidiva, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(b), 338(bb)(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal disa xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn.

Inoltre biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parte leza, Luigi Fenech, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**